# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 455/2016**

Il-Pulizija

(Spettur Anna Marie Xuered)

vs

**Carmela German**

Bint Francesco Dalmas, imwielda fit-3 ta' Ottubru, 1940, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 682440(M)

Illum, 9 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Carmela German quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xahar ta′ Jannar 2014 u fix-xhur/snin ta′ qabel, f′dawn il-Gżejjer, b′diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b′riżoluzzjoni waħda :-

(a) b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaga b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ***tal-Konjugi Antony Charles Jason u Antonia Cassar;***

(b) Talli bi ħsara ta' ħaddiehor u ċioe tal-***Konjuġi Antony Charles Jason u Antonia Cassar*** għamlet qliegħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) Talli approprijat ruħha billi dawret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' flejjes li jammontaw għal aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u seba' u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema flus jappartjenu lil ***konjugi Antony Charles Jason u Antonia Cassar;***

(d) Talli f'dawn l-aħħar snin, f'dawn il-Gżejjer, għamlet dikjarazzjoni falza, jew tat xi tagħrif falz, jew ipproduċiet xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet tal-Att Dwar il-Karti tal-Identita' meta kienet taf li dan kien falz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Settembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu aktar il-fuq imsemmija u ċioe' l-artikoli 18, 293, 308, 309 u 310(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta fil-waqt li ma sabitx lill-imputata ħatja tat-tielet u r-raba' mputazzjonijiet u minnhom illiberatha minn kull ħtija u piena sabitha ħatja tal-

ewwel u t-tieni imputazzjoni b'dan li t-tieni imputazzjoni hija meqjusa bħala li hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Kwantu għall-piena, il-Qorti wara li rat il-fedina penali tal-imputata, u ħadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha ta' dan il-każ ikkundannatha għall-piena ta' **sentejn priġunerija**. Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin millum il-ħatja tikkommetti reati ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.
Il-Qorti fehmet lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tagħha u il-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li hija tikkommetti tali reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta għamlet ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tiegħu qedgħet lill-ħatja taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin mil-lum.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilha llum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti tal-lum stess jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, stante li matul il-kors ta' dawn il-proċeduri ma tresqux provi a sodisfazzjon ta' din il-Qorti fir-rigward ta' kemm mill-ammonti ta' flus dovuti lill-parte civile ġew saldati grazzi għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv, il-Qorti ma kelliex indikazzjoni preċiża taċ-ċifra rimanenti biex tkun tista' leġittimament u raġjonevolment temana ordni ta' restituzzjoni ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, wara rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa ndikat li l-imputata titqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieġ li l-imputata tiġi mgħejjuna tegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li tidher affetwata minnhom u li qed iwassluha wkoll biex tiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti poġġiet lill-ħatja taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin mil-lum. Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u il-konsegwenzi li l-ħatja jkollha taffaċċja fil-każ li hija tonqos milli twettaq din l-ordni skont kif ordnat lilha.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Ottubru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** l-istess sentenza, billi :-

a. **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet l-imputata mhux ħatja tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u minnhom illiberatha minn kull ħtija u piena;
b. **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet l-imputata ħatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni;
c. **tikkonfermaha** fejn għamlet ordni ta' superviżjoni li permezz tiegħu qiegħdet lill-ħatja taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali;
d. **tikkonfermaha** ukoll fejn poġġiet lill-ħatja taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tliet snin ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali;
e. **thassarha** f'dik il-parti fejn erogat piena ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;
f. **u minflok tghaddi** sabiex tinfliġġi piena ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, flimkien ma direttiva għall-kumpens tal-parti leża ai termini tal-artikolu 28H(1) tal-Kodici Kriminali.

**JEW ALTERNATTIVAMENT :-**

a. **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet l-imputata mhux ħatja tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u minnhom illiberatha minn kull ħtija u piena;

b. **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet l-imputata ħatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni;

c. **tħassarha** f'dik il-parti fejn erogat piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

d. **tħassarha** fejn għamlet ordni ta' superviżjoni li permezz tiegħu qiegħdet lill-ħatja taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali;

e. **tħassarha** ukoll fejn poġġiet lill-ħatja taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali;

f. **u minflok tghaddi** sabiex tinfliġġi fil-konfront tal-imputata appellata l-piena karċerarja idoneja skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu :-

(i) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali erogat piena ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, mingħajr ma għamlet ukoll direttiva għall-kumpens ai termini tal-artikolu 28H(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(ii) mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena erogata, kienet fiċ-ċirkostanzi piena miti wisq.

***(i) Direttiva għall-kumpens ai termini tal-artikolu 28H(1)***

Illi l-esponent huwa ben konxju tal-fatt li l-artikolu 28H(1) tal-Kodiċi Kriminali jagħti diskrezzjoni lill-Qorti tal-Maġistrati li meta tagħmel ordni ta' sentenza sospiża bis-saħħa tal-

artikolu 28(1), tiddeċiedi jekk tinkludix f'dik l-ordni direttiva li tkun tobbliga lill-ħati li jirestitwixxi lill-parti offiża l-ammont ta' danni sofferti. Illi l-esponent jifhem ukoll illi ma hijiex il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li tirrimpjazza id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

Biss l-esponent ma jistgħax ma jinnotax li fil-każ in diżamina l-Qorti tal-Maġistrati fl-eżerċizzju diskrezzjonali tagħha kienet ferm propensa li tinkludi direttiva ai termini tal-artikolu 28H(1) meta għamlet l-ordni ta' sentenza sospiża fil-konfront tal-imputata appellata. Illi dan huwa evidenzjat mis-segwenti parti tad-*decide* tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn ġie ritenut illi:-

> *Inoltre, stante li matul il-kors ta' dawn il-proċeduri ma tresqux provi a sodisfazzjon ta' din il-Qorti fir-rigward ta' kemm mill-ammonti ta' flus dovuti lill-parte civile ġew saldati grazzi għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv, din il-Qorti m'għandhiex indikazzjoni preċiża taċ-ċifra rimanenti biex tkun tista' leġittimament u raġjonevolment temana ordni ta' restituzzjoni ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali.*[1]

U aktar qabel fl-istess sentenza :-

> *Minkejja l-iskrittura privata kif ukoll l-att pubbliku suċċessiv, il-parte civile baqgħet ma tħallsetx, minkejja li mill-atti jirriżulta li rrikorrew għal azzjoni ċivili (b'dak li l-Qorti fehmet li kienet l-eżekuzzjoni tal-att pubbliku bil-mezz ta' proċeduri eżekuttivi appożiti), li pero jidher li ma waslu għal ebda eżitu pożittiv.*[2]

> ***<u>B'xorti ħażina</u>***[3] *matul il-kors ta' dawn il-proċeduri ma tresqux provi a sodisfazzjon ta' din il-Qorti fir-rigward ta' kemm ammonti ta' flus dovuti ġew maqtugħa grazzi għal dawn il-proċeduri. Għalkemm fit-trattazzjoni ġie*

---

[1] Vide l-aħħar paġna tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati

[2] Vide paġna 5 tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati

[3] Enfasi tal-esponent

*mistqarr mill-abbli avukat tal-parte civile li lanqas għall-ispejjeż tal-konsenjatarju ma kienu biżżejjed, din il-Qorti kienet teħtieġ indikazzjoni aktar preċiża biex tkun tista' tieħu dawk il-miżuri opportuni jekk kien ikun il-każ.*[4]

Illi mill-brani suċitati, kif ukoll mill-atti proċesswali huwa evidenti li l-azzjoni ċivili li saret referenza għaliha ma wasslet għal ebda eżitu pozittiv u l-flus li nkisbu b'mezzi frawdolenti mingħand il-*parte civile* baqgħu ma ġewx restitiwiti lilha. Biss anke jekk, *gratia argomenti*, ma tresqux provi a sodisfazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward ta' kemm mill-flus dovuti ġew restitwiti permezz tal-proċeduri ċivili, fl-umli fehma tal-esponent dan bl-ebda mod ma kien jimpedixxi lill-Qorti tal-Maġistrati milli temana ordni ta' restituzzjoni ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali. Illi dan qiegħed jingħad għaliex fl-ewwel lok, l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali huma separati u indipendenti minn xulxin u għalhekk fl-umli fehma tal-esponent l-eżitu tal-proċeduri ċivili, li *del resto* ma kellhom l-ebda eżitu pozittiv ma għandux jimpinġi bl-ebda mod fuq il-proċeduri kriminali. Illi fit-tieni lok, kif puntwalizzat mill-Qorti tal-Maġistrati stess, l-abbli avukat tal-*parte civile* ddikjara li l-proċeduri ċivili lanqas għall-ispejjeż tal-konsenjatarju ma kienu biżżejjed. Illi dan ifisser għalhekk li l-ammont kollu ma kienx ġie restitwit. Illi għaldaqstant, bir-rispett, l-esponent jemmen li ma kien jeżisti l-ebda impediment legali jew leġittimu li kien iwaqqaf lill-Qorti tal-Maġistrati li temana ordni ta' restituzzjoni ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali. Dan aktar u aktar meta l-istess Qorti kienet qegħda serjament tikkonsidra tali ordni u finalment iddeċidiet li ma temanix tali ordni fuq premessi li fl-umli fehma tal-esponent kienu żbaljati. Illi dan wassal sabiex il-vittmi f'dan il-każ jiġu preġudikati u dan stante li kieku l-Qorti attwat dak li l-istess Qorti kienet propensa li tagħmel, almenu kienet issir ġustizzja anke mal-vittmi f'dan il-każ li nqabdu fin-nassa tal-imputata appellata u għadhom sal-ġurnata tal-llum ibatu l-konsegwenzi ta' dan!

***Fiċ-ċirkostanzi il-piena kienet miti wisq***

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jiġi rilevat ukoll illi mill-atti jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputata appellata ħatja talli ai termini tal-artikoli 308 u 309 iddefrodat lill-

---

[4] Vide *footnote* f'paġna 5 tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati

konjugi Anthony Charles Jason u Antonia Cassar **l-ammont ta' sitta u tletin elf ewro (Eur 36,000).** F'dan ir-rigward l-esponent iħoss li għandu jiġi puntwalizzat li l-imputata adottat *modus operandi* tipiku ta' min huwa midħla sewwa fil-mestjer tar-reati ta' frode tat-tip partikolari bħal dak misjub f'dan il-każ fejn il-frodista tadopera aġir tali mal-vitma li permezz tiegħu takkwista gradwalment il-fiduċja tal-vitma. Dan anke sar permezz ta' stejjer, fittizji jew kważi, li kienu verosimili u li jappellaw għall-ħniena u emozzjonijiet qawwija. Wara li b'dan l-aġir tal-frodista, il-vittma saret tafdaha, il-frodista għamlet l-avvanzi tagħha f'diversi forom, fosthom b'talbiet għal self ta' flejjes. **Illi l-fatt li l-imputata hija midħla sew fil-mestjer tar-reati ta' frodi huwa evidenzjat ukoll mill-fedina penali tal-istess imputata[5] min fejn jirriżulta li l-imputata appellata diġa kienet preċedentement instabet hatja li kkomettiet l-istess reati għad-dannu ta' vittmi differenti!**

Illi jirriżulta wkoll minn qari tal-istess fedina penali li hija ngħatat opportunita li tirriforma ruħha permezz tas-sentenza nflitta fuqha nhar l-24 ta' Ġunju 2003[6] (liema sentenza kienet konfermata minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fit-30 ta' Diċembru 2004[7]) fejn il-Qorti kienet imponiet fuqha piena ta' liberta kondizzjonata "u dan wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputata ħallset il-pendenzi kollha li kellha mal-kwerelanti". Illi madanakollu l-fatti ta' dan il-każ juru li l-imputata ma tgħallmitx il-lezzjoni iżda ppersistiet fl-aġir tagħha! Minkejja dik l-opportunita, fejn il-Qorti kienet klementi magħha, l-imputata appellata baqgħet għaddeja fit-triq tal-ksur tal-Liġi. L-ispirtu ta' deterrent li suppost il-liberazzjonijiet kondizzjonati għandhom ma kinux biżżejjed biex iżommu lill-imputata appellata lura milli terġa' tiddelinkwi. Għalhekk, għalkemm l-esponent jirikonoxxi li dejjem jeżisti l-bieb imbexxaq tal-"window of opportunity" li nsibu fil-ġurisprudenza nostrana, xorta jibqa l-fatt li hawnhekk l-imputata appellata għażlet li ma tgħix ta' ċittadina ubbidjenti tal-Liġi b'mod onest u ppersistiet f'dan l-aġir billi baqgħet ma rrestitwitx l-ammont defrodat lill-vittmi f'dan il-każ.

---

[5] Inserita *a fol* 4 tal-atti proċesswali

[6] Sentenza eżebita *a fol* 47 tal-atti proċesswali

[7] Sentenza eżebita *a fol* 52 tal-atti proċesswali

Illi in vista ta’ dan, kif ukoll in vista tal-fatt li kuntrarjament għal każ suriferit, fil-każ in diżamina l-imputata appellata baqghet tippresisti fl-aġir tagħha u ma ħallsitx il-pendenzi li kellha mal-vittmi, l-esponent fermament jemmen li l-piena mposta fuq l-imputata appellata kienet miti wisq!

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell ta' l-Avukat Generali jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tieghu hi wahda miti, kif ukoll li l-ewwel Qorti ma tatx ordni ta' restituzzjoni favur il-parte civile.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2017 dehret il-parte civile li nfurmat din il-Qorti li kienet ghamlet kwerela fis-sena 2014. Illum, l-parte civile nfurmat il-Qorti li hu kien thallas dak kollu dovut u kien qed jirtira l-kwerela.

Illi fic-cirkostanzi l-parte civile tista' anki fi stadju ta' appell tirtira l-kwerela.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni tichad l-appell tal-Avukat Generali dwar l-ewwel zewg akkuzi u tiddikjara l-procediment ezawrit minhabba rinunzja. Tikkonferma s-sentenza appellata dwar it-tielet u ir-raba' akkuza fejn l-ewwel Qorti lliberat lil Carmela German minn kull htija.